# Ir-Rużarju

be KIDS

# It-talba tal-bidu tar-Rużarju

Alla tagħna, isma' t-talb tagħna, eħles għinna u ieqaf magħna.
Glorja lill-Missier...

Marija Santissima, urina li inti ommna: għalik jisma' t-talb tagħna, Ġesù li twieled għalina u
ried ikun bniedem bħalna.

O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern; ħu l-Ġenna l-erwieħ kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek.

be KIDS

## Il-posti tar-rużarju

# Nikkunsidraw u nikkontemplaw

be KIDS

# Il-Misteri tal-Ferħ

## Ngħiduhom nhar ta' Tnejn u nhar ta' Sibt

- L-Anġlu Gabrijel ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla
- Marija marret iżżur lill-qariba tagħha Eliżabetta
- Sidna Ġesù Kristu twieled fl-għar ta' Betlehem
- Marija ppreżentat lill-binha Ġesù fit-Tempju
- Marija tilfet lil binha Ġesù u wara tliet t'ijiem sabitu fit-Tempju jiddiskuti mad-Dutturi

be KIDS

# Il-Misteri tat-Tbatija

## Ngħiduhom nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa

- Sidna Ġesù Kristu għamel l-orazzjoni fl-ort u għereq l-għaraq tad-demm
- Sidna Ġesù Kristu rabtuh mal-kolonna u ifflaġellawh
- Sidna Ġesù Kristu nkurunawh bix-xewk
- Sidna Ġesù Kristu għabbewh bis-salib u tela' l-Kalvarju
- Sidna Ġesù Kristu sallbuh fuq is-salib u fuqu miet

be KIDS

# Il-Misteri tal-Glorja

## Ngħiduhom nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħadd

- Sidna Ġesù Kristu qam minn bejn l-imwiet
- Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema
- Sidna Ġesù Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli
- Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem
- Sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinità Qaddisa

be KIDS

# Il-Misteri tad-Dawl

## Ngħiduhom nhar ta' Ħamis

- Sidna Ġesù Kristu tgħammed fix-xmara Ġordan
- Sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana
- Sidna Ġesù Kristu ħabbar is-Saltna t'Alla
- Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor
- Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija